MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 759/2008

**L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera L'Oreal SA.**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-1 ta' Settembru 2008 gew nominati**
**kuraturi deputati biex jirrapresentaw lil Al Karabat Import & Export Company ta' Benghazi, Libja.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera L'Oreal SA ta' 14, Rue Royale, 75008 Paris, Franza, datat 24 ta' Lulju 2008 a fol 1 tal-process fejn bil-gurament tieghu jesponi:-

Illi s-socjeta attrici L'Oreal SA ta' 14, Rue Royale, 75008 Paris, Franza, hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "**GARNIER**", liema marjki huma uzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal *make up, skin care products, hair care products* u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fid-Dokument "A";

Illi s-socjeta` attrici hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali ta' l-istess markju "**GARNIER**", irregistrati fir-Registru tal-Markji f'Malta taht, *Trademark No 19015* (Dok "A") u dan kollu *ai termini* tal-**artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)** tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema markji huma wkoll irregistrati bhala *Trademark* Komunitarja mal-"Office for Harmonization in the Internal Market" ta' l-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht in-numri 006853378, 006050405, 004394722 u 003796943;

Illi jirrizulta illi fis-27 ta' Mejju 2008 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur "FIFTH OCEAN" u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' prodotti li jgibu l-marjku "**GARNIER**" fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti mis-segwenti; (i) hamest elef u erba' mitt (5,400) tubu *conditioning colouring cream* b'*Container* Numru IRSU 4909437 u li m'humiex genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-**artikolu 4 tal-Kap 414**;

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru IRSALMX1101WISH7175 (Dok."C") jirrizulta li l-konsenjatarji tal-prodotti in kwistjoni huma ndikati bhala Al Karabat Import & Export Company ta' Benghazi, Libya, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Yiwu Evergreen Import & Export Co. Ltd.;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni

temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skont l-**artikolu 4 tal-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

Illi dawn il-prodotti in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta` attici skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i), (ii)** u **(iii) tal-Kap. 414**, li favur taghha huma rregistrati l-markju “**GARNIER**” u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skont l-**artikolu 2 (1) (b)** tal-istess **Kap 414**, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attirici skont l-**artikolu 2(1)(a)** u **(b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003** li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif jirrizulta minn analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta` attrici;

Illi din il-konsenja ta’ prodotti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-**Kap 414** wara l-applikazzjonijiet bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li giet provduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz. (ara kopja ta’ l-applikazzjonijiet immarkati bhala Dok “D”).

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (**skont l-artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tal-Kap 414**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) hamest elef u erba’ mitt (5,400)

tubu *conditioning colouting cream* b'*Container* Numru IRSU 4909437, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4** ta' l-istess **Kap 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrata f'isem is-socjeta` attrici bin-numri 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**artikolu 21 (a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrata f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 006853378, 006050405, 004394722 u 003796943 registrati f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skont il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea));

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skont l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Ntellettwali (Mizuri Intrakonfini) – **Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003**, fil-konfront tas-socjeta` attrici;

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-

distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-trmini tal-**Kap. 414**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata ingiunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda  (fol. 4 u 5) u hames dokumenti (5) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. “A” sa Dok. “E” kif jidhru a fol. 7 sa fol.11 tal-process.

Rat id-digriet datat 1 ta’ Settembru 2008 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita’ intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2009, b’dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 2 ta’ Dicembru 2008 (fol. 36) fejn eccepew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument anness tal-istess kuraturi a fol. 37 u 38 tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. Michael Grech *nomine* datata 17 ta’ Novembru 2008 a fol. 22 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Jose` Monteiro Head International Trade Mark Department tas-socjeta` attrici (Dok “MG 1”), u l-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. “MG 2”).

Rat in-nota attrici datata 15 ta’ Jannar 2009 (fol. 40) fejn gie esebit prospett (Dok. “MG1”) li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* ta’ l-ispejjez li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din il-Qorti tilqa’ s-sitt talba tas-socjetajiet rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat.

Flimkien mal-prospett gew annessi wkoll tliet (3) dokumenti mmarkati Dok.“MG 2” sa Dok.“MG4”.

Rat il-verbal tas-seduta datata 20 ta’ Jannar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Martin Fenech bhala kuratur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Frar 2009. Aktar tard deher Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li ddikjara illi m’ ghandux provi aktar.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza jirrizulta li fuq il-vapur FIFTH OCEAN li gie Malta fit-28 ta’ Mejju 2008 kien il-*Container* Numru IRSU 4909437 u li fit-30 ta’ Mejju 2008 jirrizulta li kien hemm fih hames t’elef u erba’ mitt tubu *conditioning cream* tal-marka **“GARNIER”** li kienu destinati ghal ghand is-socjeta’ intimata (Dok. “MG” – affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius – datat 1 ta’ Settembru 2008) u li l-ufficjali tad-Dwana ssuspettaw li kienu foloz u ghalhekk gew mizmuma sabiex isiru ezamijiet fuqhom, kif fil-fatt sar u minn dan irrizulta li l-istess ooggetti huma foloz (Dok. “MG1”) u allura jikkontravvjenu d-dritt ta’ l-uzu ta’ markji u proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti kif indikat fir-rikors guramentat. B’hekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma huma bl-ebda mod kontrastati.

Illi dwar spiza in konnessjoni mas-sitt talba attrici din tinkludi l-ammont ta’ €1,893.10 (Dok. “MG1” sa Dok. “MG4”) u ghalhekk salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kif hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-prodotti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (**skont l-artikolu 2 (1) (a)** u **(b) tal-Kap 414)**;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' prodotti li tikkonsisti fis-segwenti; (i) hamest elef u erba' mitt (5,400) tubu *conditioning colouring cream* b'*Container* Numru IRSU 4909437, da parti tas-socjeta` konvenuta u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li m'humiex genwini, skont l-**artikolu 2 (1) (a) (i) (ii) (iii)** u **(b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini))** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4** ta' l-istess **Kap 414**, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrata f'isem is-socjeta` attrici bin-numri 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' prodotti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-**artikolu 21(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003,** u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrata f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 19015 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 006853378, 006050405, 004394722 u 003796943 registrati f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru**

**40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea));**

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' mija u ghoxrin (120) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jiddistruggi l-prodotti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenut, skont l-**artikolu 8 tal-Kap 414**;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li ma hemmx bzonnha;

6. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-prodotti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-trmini tal-**Kap 414,** inkluz l-ammont ta' elf, tmien mija u tlieta' u disghin ewro u ghaxar centezmi (€1,893.10).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------